MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2158/1999/1

**Simonds Farsons Cisk Plc**

**Vs**

**Brian Law u b'digriet tal-20 ta' Frar, 2004 gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Brian Law**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi b'skrittura li ggib id-data tal-1 ta' Mejju, 1996, id-ditta attrici ghaddiet lill-konvenut is-somma ta' Lm1,500, fil-waqt li l-konvenut, li kien jiggestixxi l-istabbiliment maghruf bl-isem

Country Burger, obbliga ruhu “not to sell, exhibit or put up for sale any beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters except those beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters produced or marketed by the Company”, cioe’, ta’ dik attrici, u dana ghall-perjodu ta’ hames snin sakemm il-konvenut jiskonta s-somma moghtija lilu b’*discounts* fuq prodotti mixtrija minghand id-ditta attrici;

Premess illi l-konvenut kiser dan il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenut ghandu jitqies li ddekada mill-beneficcju tat-terminu moghti lilu u ghandu jigi kkundannat ihallas kull bilanc dovut;

Premess illi mill-imsemmija somma ta’ Lm1,500, il-konvenut fadallu jhallas is-somma ta’ Lm1,276;

Premess illi l-konvenut interpellat biex ihallas din is-somma, accetta li ghandu jaghti s-somma ndikata u wieghed li se jhallas b’pagamenti mensili, izda xorta wahda baqa’ inadempjenti;

Premess illi l-konvenut m’ghandux eccezzjoni xi jgib kontra t-talba ghall-hlas;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex - previa d-dispensa tas-smigh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili – ghar-ragunijiet fuq imsemmija m’ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut agixxa bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandu, ghalhekk, jirrifondi lid-ditta attrici s-somma msemmija ta’ Lm1,276, u konsegwentement;

2. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lid-ditta attrici s-somma msemmija ta’ Lm1,276 (elf, mitejn u sitta u sebghin Liri Maltin) dovuti lilha kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Mejju, 1999, u bl-imghaxijiet legali tat-8% mid-data tal-

imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni tad-ditta attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Brian Law fejn eccepew:**

1. Illi f'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju, 2004;

Billi mill-provi prodotti t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata;

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talbiet attrici
u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1,276 (elf, mitejn u sitta u sebghin Liri Maltin) dovuti lilha kif fuq spjegat;

Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------